MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 106/2011

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Scott Heath Lee**
**ID-53786(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sitta u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€296.62c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari kont numru *482746* moghti mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sitta u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€296.62c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------